**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tal-25 ta' Mejju, 2001.**

**Citazzjoni numru 724/01GC**

Fenech Azzopardi Styles Limited
Vs.
Joseph Balzan

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi l-konvenut huwa debitur tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2500) liema ammont jirraprezenta bilanc minn somm akbar, prezz ta' "fur coats" mibjugha u konsenjati lilu fuq ordni tieghu stess;**

**Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat kemm il-darba sabiex ihallas anke permezz ta' ittra uficjali datata 3 ta'April, 2001, baqa inadempjenti;**

**Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli l67 sa l70 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-konvenut m'ghandux**

**eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u il-kumpanija attrici qeghda tannetti affidavit immarkat Dok. A a tenur tal-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-**

**1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli l67 sa l70 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;**

**2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2500) dovuta bhala bilanc minn somma akbar, prezz ta' "fur coats".**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' April, 200l u tal-mandat ta' sekwestru prezentat fl-20 ta' April, 200l, kif wkoll bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ammettia it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;**

**Billi mil-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;**

**Fuq ammissjoni tal-konvenut tideeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-konvenut.**

**Imhallef**

**Dep. Registratur**